# Hidma Pastorali fis-Seklu 19

**Ftit tagħrif dwar il-ħidma pastorali f'San Ġiljan fis-Seklu Dsatax meta din il-lokalita' kienet għadha tifforma parti mill-Parroċċa Elenjana ta' Birkirkara.**

Winston L. Zammit

Matul is-Seklu Dsatax sa l-1891, it-territorju ta' San Ġiljan kien jifforma parti mill-parroċċa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. Iżda b'effett mill-1849 San Ġiljan sar viċi-parroċċa, fil-limiti tal-parroċċa ta' Birkirkara, u Dun Ġużepp Xerri, S.Th.D., inħatar bħala viċi-parroku f'San Ġiljan, u baqa' f'din il-kariga sa l-1891, meta nħatar bħala l-ewwel kappillan ta'San Ġiljan.[1]

Iżda fis-Seklu Dsatax, minn barra l-imsemmi Dun Ġużepp Xerri, kien hemm saċerdoti u kjeriċi oħra li taw is-servizzi tagħhom f'San Ġiljan, meta kien għadu viċi-parroċċa. Fosthom insibu lil Dun Salv Cumbo, Dun Ġwann Micallef, Dun Karm Mizzi u Dun Giovanni Battista Micallef.

**Dun Salv Cumbo**

Dan is-saċerdot ta s-servizzi tiegħu f'San Ġiljan matul l-epidemija tal-kolera li seħħet fl-1837. Dan joħroġ minn petizzjoni li huwa għamel xi snin wara lill-Gvernatur Sir John Gaspard Le Marchant (1858-1864) fejn stqarr li

'*In 1837, during the cholera epidemic, Professor Cumbo, having at the time received from the Bishop the necessary authorisation, served as Chaplain or Deputy Curate in the district of St Julians.*'

Mill-istess petizzjoni nafu li matul din l-epidemija, huwa kien jassisti l-morda u dawk li kienu jmutu.[2]

**Dun Ġwann Micallef**

Dun Ġwann Micallef, li kien mill-parroċċa ta' Birkirkara, u li ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Mejju 1839[3], ta ukoll is-servizzi tiegħu f'San Ġiljan, kemm bħala kjeriku, kif ukoll bħala saċerdot. Dan joħroġ minn petizzjoni li għamel lill-Gvernatur Gaspard Le Marchant fl-1862, meta kien jokkupa l-kariga ta' viċi-parroku fil-parroċċa ta' Birkirkara.

Fiha stqarr li sa minn meta kien għadu kjeriku, kien imur ġewwa San Ġiljan biex jgħallem id-duttrina lill-bniet u s-subien. Wara li kien ordnat saċerdot fl-1839, baqa' imur San Ġiljan '*per predicare e dire messa nei giorni d'obbligo ed amministrare i sacramenti*.'[4]

**Dun Karm Mizzi**

Dan is-saċerdot mill-Belt Valletta, irċieva l-ordni sagri fit-18 ta' Diċembru 1858.[5] F'petizzjoni li għamel lill-Gvernatur Gaspard Le Marchant (1858-1864) fl-1862, nafu mhux biss *that he has been employed at St Julians, teaching the boys gratis for one and a half years*, iżda nafu ukoll li fil-festa kien iqaddes hemm, iżda ma kien jirċievi l-ebda ħlas.[6]



**Dun Ġwann Battista Micallef** twieled fil-Furjana fit-2 ta' Frar 1848, u ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1871.[7] Minn petizzjoni li għamel lill-Gvernatur fl-1873, meta kellu l-kariga ta' viċi-parroku fir-Rabat ta' Malta, nafu li għall-perjodu ta' 14-il sena, kien ta s-servizzi tiegħu fil-viċi-parroċċa ta' San Ġiljan fit-tagħlim tal-katekiżmu u fil-vjatku.[8]

RIFERENZI:


1. W. L. Zammit, '*Dun Ġużepp Xerri 1823-1897 - L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan.*'
2. A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), *Petitions Le Marchant*, Vol. 23, No. 5729.
3. J. Calleja, '*Ordinazzjonijiet Saċerdotali, 1800-2000,*' (Malta 2001), p. 20.
4. A.N.M., *Petitions Le Marchant*, Vol. 30, No.7287.
5. J. Calleja, *op. cit.*, p. 25.
6. A.N.M. *Petitions Le Marchant*, Vol. 30, No. 7251
7. W. L. Zammit, '*Dun Ġwann Battista Micallef D.D. - Rettur tal-Grotta ta' San Pawl (1848-1943)*', *Il-Festi Tagħna*, 2001, p.53
8. A.N.M., *Petitions Straubewzee* (1872-1873) No.435